MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru. 629/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**SEAN MUSCAT bin Andrew u Bernardette nee' Ellul, imwieled, fit-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 1988 u residenti April Love, Dahlet ix-Xaghra ta' Barbra, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 21788G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **SEAN** MUSCAT bin Andrew u Bernardette nee' Ellul, imwieled, fit-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 1988 u residenti April Love, Dahlet ix-Xaghra ta' Barbra, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 21788G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fil-

hdax [11] ta' Gunju 2006 ghal habta tal-hdax ta' filghodu fi Triq ir-Rabat, Nadur (hdejn it-trakka tal-muturi) saq vettura bin-numru ta'registrazzjni IAR-172:-

1. b'manjiera traskurata u perikoluza.

2. talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti habat ma vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAL-643 u nvolontarjament ikkaguna hsarat fuq l-istess vettura ghad-dannu ta' Joseph Russel Portelli minn Nadur.

3. talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alan Lee Attard li kien passiggier f'karozza bin-numru ta' registrazzjoni IAR-172 kif ccertifika Dr. Ian Galea MD ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex.

4. talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Russell Portelli li kien f'karozza f'karozza bin-numru ta' registrazzjoni HAL-643 kif iccertifika Dr. Joseph Vella MD ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex.

5. talli saq u uza vettura f'karozza bin-numru ta' registrazzjoni IAR-172 meta ghal uzu ta' din il-vettura minnu ma kienetx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavits ta' PS 369 u ta' Doctor Ian Galea, l-okkorrenza markata bhala dokument CSH 1 u sketck market bhala dokument CSH 2, u c-certifikat esibit fl-atti bhala dokument CSH 3.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni ucioe lil Doctor Joseph Vella MD, lil Alan Attard wara li spjegatlu l-import tal-gurament stante li hu minuri, lil Joseph Buttigieg.

Semghet lil Joseph Portelli jiddikjara li hu ma jixtieqx jixhed f'dawn il-proceduri stante li jista jinkrimina ruhu peress li ghandu proceduri pendenti fil-konfront tieghu u li kien qed jirrinunzja ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat.

Peress li **l-akkuzi ma jirrizultawx ppruvati ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 15(1) tal-Kap 65, l-artikolu 328, 226(1)(B) tal-Kap 9 u l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat SEAN MUSCAT hati taghhom u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------